# Stqarrija

## L-għaqdiet ambjentali jappoġġjaw is-sejħa ta' BirdLife Malta lill-Kummissarju Ewropew għall-Ambjent biex tinżamm is-saltna tad-dritt f'Malta.

Tmien għaqdiet ambjentali mhux governattivi (eNGOs) qed jappoġġjaw is-sejħa ta' BirdLife Malta lill-Kummissarju Ewropew għall-Ambjent biex tinżamm is-saltna tad-dritt u tiġi rrispettata s-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tad-19 ta' Settembru li għadda. Il-verdett sab li Malta kisret id-Direttiva Ewropea tal-Għasafar meta fis-snin li għaddew, fix-xhur tal-ħarifa, ippermettiet 'deroga ta' riċerka' fuq l-għasafar tal-għana. Il-Qorti tat xahar żmien lill-Gvern Malti biex iwieġeb dwar kif kellu jimplimenta s-sentenza. Minkejja dan, fl-20 ta' Ottubru l-Gvern reġa' fetaħ l-istaġun tal-insib għall-għasafar tal-għana u ppermetta l-istess kundizzjonijiet bħas-snin ta' qabel u b'hekk mat-3,500 nassab jistgħu jonsbu għall-għasafar tal-għana għal xahrejn sħaħ sal-20 ta' Diċembru.

Din hija t-tieni darba fi ftit xhur li b'arroganza l-Gvern injora d-deċiżjonijiet tal-Qorti. Wara li l-Prim Imħallef Mark Chetcuti, fl-ogħla Qorti f'Malta, iddeċieda kontra l-bini ta' penthouses illegali f'Għawdex, l-Awtorità tal-Ippjanar 'illegalizzat' dawn iż-żewġ penthouses bl-applikazzjoni PA 3869/24. Ironikament, kemm id-derogi tal-kaċċa kif ukoll l-ippjanar jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Ministru Clint Camilleri, li jidher li ngħata l-libertà mill-Prim Ministru Dr Robert Abela biex jaġixxi b'arroganza u bla rispett fuq dawn il-kwistjonijiet.

L-avviż legali li bih fetaħ l-istaġun kellu biss tibdil minimu meta mqabbel ma' tas-snin ta' qabel u huwa tentattiv biex jipprova jiġġustifika li m'hemm l-ebda alternattiva għar-riċerka biex ikun magħruf minn fejn ipassu l-għasafar tal-għana ħlief li jħalli lin-nassaba kollha lliċenzjati f'Malta biex ikomplu jonsbuhom. Jekk ninsabu f'sitwazzjoni fejn il-gvern jikser id-direttivi ambjentali, jitwaqqaf mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, u xorta jibqa' għaddej jikser bl-addoċċ dawn id-direttivi għax jibża' li jitlef il-voti, mela l-futur ambjentali tal-pajjiż jinsab f'riskju serju.

L-eNGOs qed isejħu lill-Kummissjoni Ewropea biex tagħmel skrutinju ta' dak li għaddej f'Malta u qed jappoġġjaw is-sejħa ta' BirdLife Malta biex tieħu azzjoni malajr kemm jista' jkun dwar id-deroga tal-insib tas-seba' speċi tal-għasafar tal-għana. Is-sejħa ta' BirdLife Malta qed jappoġġjawha Din l-Art Ħelwa, il-Moviment Graffitti, Nature Trust Malta, Malta Rangers Unit, Friends of the Earth Malta, Ramblers Association, Flimkien għal Ambjent Aħjar u Għawdix.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Cell: 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/

**Ritratti:**

1. Arkiviji: Protesta Nazzjonali Xebbajtuna 01 (Aron Tanti)
2. Arkiviji: Protesta Nazzjonali Xebbajtuna 02 (Aron Tanti)
3. Arkiviji: Protesta Nazzjonali Xebbajtuna 03 (Aron Tanti)